

L-EDUKAZZJONI DIĠITALI
# INKLUŻIVA

## GĦOTI TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-POLITIKA

Il-prevalenza dejjem tikber ta' soluzzjonijiet diġitali fil-ħajja ta' kuljum tixpruna l-ħtieġa għal bidla sistemika bbażata fuq it-**trasformazzjoni diġitali** b'mod ġenerali u, b'mod aktar speċifiku, f'sistemi ta' edukazzjoni inklużiva.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) issostni li l-viżjoni finali għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva hija li jiġi żgurat li l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom. Dan jirrikjedi wkoll bidla sistemika li tqis il-livelli kollha tas-sistema edukattiva.

Kriżijiet nazzjonali u internazzjonali reċenti fl-Ewropa wrew difetti tas-sistemi edukattivi. It-tagħlim mill-bogħod ħalla impatt partikolari fuq l-istudenti li qed jesperjenzaw il-qasma diġitali. Meta jiġu ttrasformati l-ispazji diġitali u tat-tagħlim, l-għan irid ikun li dawn jinbnew mill-ġdid aħjar biex jinħolqu sistemi sostenibbli u reżiljenti.

Dan l-għoti ta' informazzjoni dwar il-politika għandu l-għan li jipprovdi informazzjoni u rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika biex jikkunsidraw it-trasformazzjoni tal-edukazzjoni diġitali u l-edukazzjoni inklużiva bħala interrelatati.

## Ir-rapport *L-Edukazzjoni Diġitali Inklużiva*

L-Aġenzija ħadmet mal-Institut für Technologie und Arbeit (il-Ġermanja) biex tħejji r-rapport *Inclusive Digital Education* [L-Edukazzjoni Diġitali Inklużiva], li jeżamina l-ħtieġa li l-edukazzjoni inklużiva u t-trasformazzjoni diġitali jiġu kkunsidrati b'mod interrelatat. Dan janalizza r-riċerka, il-politika, ix-xejriet fil-prattika u l-fehmiet tal-esperti, filwaqt li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi u jenfasizza kwistjonijiet fl-edukazzjoni diġitali inklużiva li għad iridu jiġu indirizzati.

Il-viżjoni ta' **edukazzjoni inklużiva** (u) **diġitali**:

- tinvolvi l-livelli kollha tas-sistema edukattiva – mill-individwu (studenti u għalliema), sal-livell organizzattiv (skejjel), reġjonali jew nazzjonali;
- tindirizza l-inklużjoni, l-esklużjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-qasma diġitali bħala kwistjonijiet interkonnessi u trasversali interdipendenti;
- tinsab ankrata fl-istrutturi tas-sistema edukattiva biex trawwem sistemi edukattivi reżiljenti li joffru opportunitajiet ta' edukazzjoni ekwitabbli għall-istudenti kollha;
- hija bbażata fuq **trasformazzjoni diġitali** li tmur ferm lil hinn minn sempliċi applikazzjoni ta' teknoloġiji diġitali fl-edukazzjoni.

Dan l-għoti ta' informazzjoni dwar il-politika jippreżenta wħud mis-sejbiet ewlenin tar-rapport u r-rilevanza tagħhom għall-politika dwar l-inklużjoni u t-trasformazzjoni diġitali biex jinbnew sistemi edukattivi aktar reżiljenti.

# Messaġġi ewlenin għall-politika dwar l-edukazzjoni inklużiva u diġitali

Il-messaġġi ewlenin jindirizzaw erba' oqsma ta' politika interrelatati u interkonnessi u r-rwoli tagħhom fit-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni inklużiva:

- It-teknoloġija
- L-istudenti u l-għalliema
- L-istituzzjonijiet edukattivi
- Il-governanza reġjonali u nazzjonali tas-sistema edukattiva.

## It-teknoloġija

**Approċċ ta' disinn iċċentrat fuq l-utent li jħaddan disinn universali jista' jevita żvantaġġi bħal użabilità fqira, speċjalment għoljin jew nuqqas ta' sostenn għat-teknoloġija tal-informatika (IT). It-teknoloġija assistiva tintuża biss meta t-teknoloġija ddisinjata universalment ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti kollha.**

Teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali (IA), ir-realtà virtwali u awmentata jistgħu jinfluwenzaw b'mod konsiderevoli l-edukazzjoni diġitali inklużiva fil-futur. Għalhekk, ir-riċerka dwar l-użu, l-effettività, l-aċċessibilità, il-benefiċċji u r-riskji tagħhom hija importanti. Il-personalizzazzjoni u l-opportunitajiet ta' adattament tat-teknoloġija tal-IA jistgħu jkunu essenzjali biex jinkiseb disinn u użu universali għall-għodod edukattivi.

**Id-disinn universali għat-tagħlim huwa strateġija globali għall-prevenzjoni tal-esklużjoni fl-edukazzjoni diġitali.**

Madankollu, timijiet interdixxiplinari u/jew gruppi ta' riċerka jridu jiżviluppaw l-infrastrutturi u t-teknoloġiji innovattivi meħtieġa għat-tagħlim diġitali inklużiv. Dawn il-gruppi għandhom jinkludu edukaturi, esperti tal-IT u studenti, inklużi dawk vulnerabbli għall-esklużjoni.

It-tfassil u l-prattika tal-politika għandhom iqisu serjament l-implikazzjonijiet etiċi tal-użu tal-IA u teknoloġiji ġodda oħra fl-edukazzjoni, b'mod partikolari f'ambjenti inklużivi. Il-politika għandha tiżgura l-użu etiku ta' teknoloġiji ġodda u tipproteġi lill-istudenti kollha mill-qasma diġitali.

## L-istudenti u l-għalliema

**Il-vulnerabbiltà għall-esklużjoni fl-edukazzjoni diġitali tista' tiġi assoċjata ma' fenomeni relatati mat-tagħlim li huma marbuta b'mod qawwi mal-mekkaniżmi tas-sistema (tas-soċjetà).**

Fi ħdan l-edukazzjoni, kemm il-politika kif ukoll il-prattika għandhom jindirizzaw l-aspetti ċentrali li ġejjin għall-istudenti:

- Is-sensibilizzazzjoni dwar il-vulnerabbiltà tal-istudenti għall-esklużjoni diġitali mis-sistema edukattiva f'kuntesti diġitali b'mod ġenerali u speċifikament liema kundizzjonijiet individwali u ambjentali (eż. il-kompetenzi diġitali, l-inugwaljanzi soċjali) jinfluwenzaw il-grad ta' inklużjoni tal-istudenti fl-edukazzjoni u l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni diġitali.

- L-indirizzar tal-aċċess u l-opportunitajiet li l-istudenti individwali għandhom għall-parteċipazzjoni soċjali fl-edukazzjoni diġitali, u l-iżgurar li dawn jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali għat-tagħlim tagħhom stess. L-għarfien espert "moħbi" li l-istudenti, il-familji u l-pari għandhom biex isostnu t-tagħlim tagħhom stess għandu jiġi sfruttat sabiex jiġu żviluppati u ttestjati teknoloġiji ġodda.

Fit-tfassil ta' ambjenti ta' edukazzjoni diġitali inklużivi, l-enfasi m'għandhiex tkun fuq il-ħtiġijiet tal-istudenti individwali, iżda fuq il-kombinament ta' għarfien minn diversi individwi jew gruppi vulnerabbli għall-esklużjoni. Dan jiżgura perspettiva olistika dwar l-inklużjoni u jippermetti edukazzjoni diġitali ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha.

L-għalliema għad m'għandhomx kompetenzi diġitali. L-edukazzjoni inizjali għall-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu għandhom jindirizzaw dan b'mod kontinwu. Il-kapaċità li tuża teknoloġiji diġitali, edukazzjoni tal-midja u teknoloġija assistiva hija importanti, iżda l-istess hija l-abbiltà li tagħżel kontenut ta' tagħlim diġitali u tfassal ambjenti ta' tagħlim inklużiv li jindirizzaw il-preferenzi, il-kompetenzi jew il-ħiliet tal-istudenti individwali.

L-għalliema għandhom jieħdu deċiżjonijiet etiċi u jivvalutaw il-vantaġġi u l-iżvantaġġi meta jimplimentaw għodod diġitali fit-tagħlim tagħhom, pereżempju, fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti prattiċi tat-teknoloġiji l-ġodda. Linji gwida etiċi biex jgħinu lill-għalliema jieħdu deċiżjonijiet dwar tagħlim diġitali inklużiv huma nieqsa.

Il-litteriżmu fil-midja, il-litteriżmu fid-data u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq id-data huma kruċjali fit-tagħlim diġitali inklużiv. Madankollu, id-diġitalizzazzjoni u l-inklużjoni huma kkunsidrati bħala suġġetti separati fil-livelli ta' edukazzjoni bikrija, li jikkawża diffikultajiet.

## L-istituzzjonijiet edukattivi

L-għalliema jeħtieġu sostenn mil-livell organizzattiv (jiġifieri l-iskejjel) biex jirċievu l-għarfien u l-gwida meħtieġa. Il-kooperazzjoni fost l-istakeholders – l-għalliema, il-mexxejja tal-iskejjel, l-istaff ta' sostenn, il-komunità usa', il-bordijiet tal-edukazzjoni, dawk li jfasslu l-politika, il-familji – hija essenzjali biex jiġi vvalutat liema strutturi u soluzzjonijiet diġitali huma meħtieġa biex isostnu lil kull student. Jeżistu metodi formali ta' kooperazzjoni u skambju, iżda l-istakeholders jikkomunikaw dejjem aktar permezz tal-midja soċjali. Hija meħtieġa evalwazzjoni tal-isfidi, l-opportunitajiet u l-effettività.

Kriżijiet reċenti enfasizzaw il-kwistjoni tar-reżiljenza tal-organizzazzjonijiet edukattivi. L-iżgurar tar-reżiljenza huwa kompitu orizzontali li jestendi tul il-livelli kollha tas-sistema edukattiva. Il-politika tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' qafas u fatturi protettivi abilitati li jagħmlu lill-organizzazzjonijiet edukattivi aktar reżiljenti.

Fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, il-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-edukazzjoni diġitali u inklużiva tippromwovi reżiljenza akbar tas-sistema. L-organizzazzjonijiet li kienu ħejjew għal edukazzjoni diġitali inklużiva qabel il-COVID-19 dehru li marru aħjar fil-kriżi.

Kemm dawn ir-riżultati jistgħu jintużaw biex wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar ir-reżiljenza ġenerali għall-kriżijiet, indipendentement mill-COVID-19, għad irid jiġi stabbilit.

## Il-governanza reġjonali u nazzjonali tas-sistema edukattiva

Il-pandemija tal-COVID-19 kabbret l-inugwaljanzi edukattivi billi imponiet tagħlim mill-bogħod, iżda din tipprovdi wkoll opportunità unika għar-riforma tal-edukazzjoni. Din tinkludi t-titjib tar-rabta bejn l-iskejjel, il-ġenituri u l-komunitajiet u t-titjib tal-edukazzjoni diġitali inklużiva għall-istudenti kollha.

Fil-pajjiżi kollha, id-deċiżjonijiet ta' politika għas-sistemi edukattivi jsiru f'livelli differenti – reġjonali jew nazzjonali, pereżempju.

Indipendentement minn liema livell is-sistemi edukattivi huma rregolati, hemm potenzjal kbir fid-diġitalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ għall-edukazzjoni inklużiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. It-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħinu biex tinġabar u tiġi aggregata d-data rilevanti dwar l-edukazzjoni inklużiva b'mod aktar effiċjenti u jagħmluha disponibbli immedjatament għal dawk li jfasslu l-politika. Barra minn hekk, li d-data titqiegħed għad-dispożizzjoni f'livelli differenti tas-sistema jista' jrawwem l-awtoriflessjoni u teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, mill-klassi sal-iskola, ir-reġjun u l-pajjiż.

## Konklużjoni

Wieħed jista' jargumenta li s-settur tal-edukazzjoni spiss ma kienx involut biżżejjed fid-disinn u l-iżvilupp tat-teknoloġija u fid-diskussjoni dwar l-implikazzjonijiet etiċi tal-użu tal-midja u t-teknoloġiji diġitali biex jiġu indirizzati b'mod proattiv il-ħtiġijiet tal-edukazzjoni inklużiva. Bl-istess mod, it-trasformazzjoni diġitali u l-edukazzjoni inklużiva fil-biċċa l-kbira tqiesu bħala kwistjonijiet separati.

Madankollu, kemm it-trasformazzjoni diġitali kif ukoll l-edukazzjoni inklużiva huma trasformazzjonijiet tas-sistema. Meta wieħed jarahom bħala kwistjonijiet interkonnessi u interdipendenti trasversali u jinvolvi lill-istakeholders mil-livelli kollha tas-sistema fl-iżviluppi futuri, dan joħloq il-potenzjal għal sistemi edukattivi aktar reżiljenti li huma aċċessibbli għal kulħadd.



EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

Biex issir taf aktar dwar l-Aġenzija u l-ħidma tagħha, żur: **www.european-agency.org**
**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2022**

Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Unjoni Ewropea u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.